**25 ta' Jannar, 1988**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Onorevoli Carm Lino Spiteri

*versus*

Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi

## Tapċija – Imgħax

*Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom tpaċija. Din it-tpaċija ssir "ipso jure" u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri.*

*Jekk obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita u f'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi b'sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Onorevoli Carm Lino Spiteri *vs* Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi' fl-10 ta' Ottubru, 1973 (Ċitaz. Nru. 609/73) l-attur kien kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm2,000 *(Malta Pounds Two Thousand);*

U peress illi din is-sentenza ġiet deċiża finalment mill-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti;

U peress illi fis-26 ta' Awissu, 1976, il-konvenut ħallas lill-attur is-somma ta' Lm1,365 liema somma ġiet akkreditata mill-

attur in kwantu għal (1) Lm171.36,8 bħala spejjeż ta' l-imsemmija kawża, (2) in kwantu għal Lm283.33, bħala imgħaxijiet bil-5% fuq l-imsemmi mertu ta' Lm2,000 mill-10 ta' Ottubru, 1973 sa l-10 ta' Awissu, 1976, (3) in kwantu għall-bilanċ ta' Lm910.31 bħala mertu ta' parti tas-somma kanonizzata ta' Lm2,000 u illi għalhekk l-attur għadu kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm1,089.69 oltre l-imgħax ta' 5% mill-10 ta' Awissu, 1976, sad-data tal-pagament effettiv;

Talab li dik il-Qorti tawtorizza lill-attur jesegwixxi l-imsemmija sentenza avolja illi għaddew iktar minn tliet snin mid-data tagħha in kwantu tal-bilanċ ta' Lm1,089.69 u l-imgħaxijiet ta' 5% mill-aħħar pagament akkont li sar fl-10 ta' Awissu, 1976 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi d-domanda ta' l-attur għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu peress illi m'għandu jieħu xejn mingħand l-esponenti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Otturbu, 1984, li biha filwaqt li rrespingiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni tranne t-talba dwar il-ħlas ta' interessi legali li għandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut u dan wara li kkunsidrat:

Illi b-sentenza ta' din il-Qorti, sussegwentement ikkonfermata fl-Appell, fil-15 ta' Marzu, 174, l-attur ġie kanonizzat kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' Lm2,000 oltre l-ispejjeż. Tħallset is-somma ta' Lm1,365 mill-konvenut fis-26 ta' Awissu, 1976 u xejn aktar. L-attur għalhekk qed jitlob li jitħallas il-bilanċ tutt'ora dovut oltre interessi legali. Billi għaddew tliet snin mid-data tas-sentenza kellu jaddivjeni għall-odjerna kawża;

Dwar it-tieni punt ma hemmx kontestazzjoni għax meta jgħaddu aktar minn tliet snin minn fuq ġudikat, trid issir kawża *ad hoc* biex dan jibqa' operabbli. Rigward it-talba għall-bilanċ, il-konvenut iddikjara li huwa ħallas l-ammont kannonizzat wara li kkompensa dak li huwa kellu jieħu mingħand l-attur. Minn prospett (Dok. A – a fol. 7 tal-proċess) esibit mill-konvenut juri li tnaqqset is-somma ta' Lm635 dovuta – skond il-konvenut – mill-attur għall-kontribuzzjoni għat-toroq in rigward ta' *Plot* Numru 1, ħdejn Madliena Hill, Madliena;

Issa huwa veru li skond il-liġi jitqies li hemm tpaċija, u dan *'ipso jure'*, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed b'mod li jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu indaqs. Huwa minnu wkoll li d-dejn li jkun f'terminu ta' flus irid ikun wieħed likwidu u ċert. Issa mid-diversi dokumenti esibiti mill-attur – ara *fol. 22 et squitur* tal-proċess – *jidher b'mod inkonfondibbli* li l-attur ikkontesta dan id-debitu;

*Omissis;*

Tali stat ta' fatti juru biċ-ċar li ma tistax issir tpaċija billi l-kont irreklamat bħala debitu mill-konvenut mhux ċert u likwidu;

Rat a fol. 81 in-nota ta' l-Appell tal-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li biha interpona appell mis-sentenza indikata u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu a fol. 83 li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat a fol. 90 ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat li biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant jistgħu jiġu kkompendjati kif ġej u ċjoè:

a) l-attur appellat m'għandu jieħdu xejn mingħandu għaliex hu (l-konvenut) ħallsu l-ammont li ordnatlu l-Qorti wara li kkompensa dak li huwa kellu jieħu mingħand l-attur appellat. Infatti jsostni l-appellant hu ħallas lill-attur is-somma ta' Lm1,356 wara li l-Lm635 ġew ikkompensati mad-debitu li kellu l-attur appellat miegħu għall-kontribuzzjoni għat-toroq rigward *Plot* 1 ħdejn Madliena Hill, Madliena;

b) Skond l-appellant id-debitu ta' l-attur appellat kien wieħed ċert likwidu u dovut u għalhekk il-kompensazzjoni topera *"ipso jure"*;

ċ) Sussegwentement, l-appellanti ħallas ukoll lill-attur is-somma ta' Lm171.36,8 spejjeż tal-kawża u dan meta kellu l-kont ta' l-attur appellat;

d) L-appellant isostni wkoll li l-mod kif l-ewwel Qorti ddeċidiet li ma kinitx operat kompensazzjoni ma kienx korrett legalment għaliex mhux kull kontestazzjoni ta' debitu tirrendi dak id-debitu inċert u l-ġudikant ma jistax jastjeni *milli jiddikjara* li l-kompensazzjoni avverat skond il-liġi sempliċement għax id-debitur ikun ikkontesta dak id-debitu. Altrimenti b'sempliċi protest id-debitur ikun jista' bl-aktar mod faċli jiffrustra l-operat tal-liġi stess;

e) Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-aggravji li ġà ssemmew l-appellanti ssottometta wkoll:

a) li effettivament lill-attur ħallasu Lm1536.36 u mhux Lm1365 kif allegat mill-attur;

b) inoltre, ebda mgħax ma kien dovut stante li dan la ntalab mill-attur appellat fil-kawża oriġinali u anqas ma ġie ordnat li jitħallas xi mgħax fis-sentenza li tagħha qiegħed jitlob l-esekuzzjoni u għalhekk l-attur ma seta' qatt jikkredita s-somma ta' Lm283 bħala mgħaxijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aspett legali li din il-Qorti sejra tinvesti u tiddeċidi hu jekk f'dal-każ setgħetx topera l-kompensazzjoni "*ipso jure*" li l-appellant dejjem sostna li avverat ruħha;

Skond l-artikolu 1196(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 ta' l-

Edizzjoni Riveduta 1984) "meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija". Skond it-tieni (2) subartikolu ta' l-istess artikolu mbagħad it-tpaċija ssir "*ipso jure*", u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs;

Skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1197 ta' l-istess Kodiċi t-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwjjeġ funġibbli ta' l-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu. Skond is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu mbagħad id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità;

Din il-Qorti wara li eżaminat il-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat il-kwistjoni ssollevata tal-kompensazzjoni u kif applikat il-prinċipji li jirregolaw dan l-istitut għal każ in diżamina ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward;

Infatti kif deċiż minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar, 1955 *in re* G. Schembri *vs* G. Chircop "ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta ż-żewġ debiti ma jkunux likwidi u esiġibbli (Vol. XXXIII.I 614; XXXI.I.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiż mill-konvenut mhux likwidu u esiġibbli, huwa ma jistax jeċċepixxi l-kompensazzjoni. U għalkemm il-likwidità ta' żewġ krediti m'hix estrem essenzjali għall-kompensazzjoni ġudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux faċli u ma tistax issir malajr,.....din il-kompensazzjoni m'għandhiex tiġi faċilment aċċettata mit-tribunali (Vol. XVII.III.4);

Inoltre kif ġie wkoll deċiż minn din il-Qorti fit-18 ta' Mejju,

1953 *in re* Paul Abela noe vs Paul Laferla *noe* l-kompensazzjoni ma tistax tiġi nvokata bħala li operat ruħha *"ipso jure"* għar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-oħra;

Illi f'dan il-każ mill-provi li nġiebu taħt ebda ċirkostanza ma jista' jingħad li d-debitu pretiż hu likwidu, ċert u dovut. Infatti l-attur appellat jikkontesta wkoll li hu proprjetarju tal-*plot* li għaliha l-pretensjoni ta' l-appellanti tirreferi. Dan apparti milli mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li fl-ebda ħin u fl-ebda ċirkostanza ma kien hemm xi aċċettazzjoni da parti ta' l-attur li kellu jagħti lill-konvenut appellant l-ammont pretiż jew xi ammont ieħor verjuri. Dan kollu ġie spjegat b'mod ineċċepibbli mill-Ewwel Onorabbli Qorti u din il-Qorti tikkonkorri miegħu u b'hekk tasal hi wkoll għall-konklużjoni li f'dan il-każ ma *setgħatx topera* l-kompensazzjoni *"ipso jure";*

Stabbilit dan jibqgħu jiġu deċiżi biss żewġ punti u ċjoè (1) l-ammont li jirriżulta li l-konvenut ħallas lill-attur appellat hux dak indikat mill-attur jew inkella dak li allega l-konvenut u (2) jekk l-attur appellat kienx intitolat għall-imgħax li hu ppretenda meta mis-somma lilu mħallsa akkredita parti minnha għal imgħax minnu stabbilit bħala dovut lilu;

Rigward l-ewwel wieħed minn dawn il-punti din il-Qorti hi tal-fehma li effettivament il-konvenut ħallas lill-attur żewġ pagamenti ammontanti għal Lm1536.36,8 (Lm1365 fit-30 ta' Awissu, 1976 u Lm171.36,8 fit-30 ta' Marzu, 1977). L-attur li kellu l-opportunità kollha li jivverifika dan ma kkontestax l-allegazzjoni u l-prova tal-konvenut li l-ammont totali mħallas kien effettivament dan;

It-tieni punt jirrigwarda l-imgħaxijiet li l-attur ippretenda

u akkredita;

Skond l-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta, 1984) jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xort' kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu "*ipso jure*", l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita u f'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni;

Issa ma hemmx dubbju l-kreditu ta' l-attur dedott fiċ-ċitazzjoni Nru. 609/73 la kien debitu ta' xorta kummerċjali u laqnas m'hu wieħed li l-liġi tipprovdi fir-rigward tiegħu li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure*. Isegwi għalhekk li biex l-attur seta' jippretendi mgħax fit-termini ta' l-istess artikolu ċċitat, kellu jinterpella lill-konvenut għalihom b'att ġudizzjarju. Mill-istess Ċitazzjoni Nru. 609/73 però ma jirriżultax li hu talab il-pagament ta' l-imgħax u infatti kemm l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ddeċidiet dik il-kawża fi Prim'istanza kif ukoll din il-Qorti li kkonfermat l-Ewwel sentenza ma akkordat ebda mgħaxijiet. L-attur però ppretenda u fil-fatt ikkredita mgħaxijiet mill-10 ta' Ottubru, 1973 li hi d-data tas-sentenza tal-Prim'Awla fil-kawża msemmija Ċitaz. Nru. 609/73. Fil-fehma ta' din il-Qorti, però stante li l-imgħaxijiet ma ntalbux b'att ġudizzjarju u għalhekk anqas ma ġew akkordati bis-sentenzi msemmija l-istess ma kinux dovuti sakemm ma l-istess attur effettivament jitlobhom skond il-liġi b'att ġudizzjarju. Jidher li din it-talba saret biss permezz taċ-ċitazzjoni Nru. 855/79 li hi l-att ġudizzjarju promotorju ta' dan il-ġudizzju u l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ma laqgħetx it-talba dwar il-ħlas ta' interessi

legali li għandhom skond dik il-Qorti jibdew jiddekorru mid-data ta' l-istess sentenza tagħha. Minn din *il*-parti tas-sentenza l-attur ma appellax anzi jippretendi konferma totali tas-sentenza appellata. Isegwi għalhekk li l-posizzjoni legali hi kif ġej u ċjoè:

1) Kwantu għall-imgħax li l-attur ippretenda mill-10 ta' Ottubru, 1973 sa l-10 ta' Awissu, 1976, dawn ma kinux dovuti kemm għaliex dan mhux każ fejn l-imgħax hu dovut *ipso jure* kif ukoll għaliex l-attur qatt ma talbu b'att ġudizzjarju;

2) Kwantu għat-talba ta' l-attur għall-imgħax mill-10 ta' Awissu, 1976 sad-data tal-pagament effettiv, il-parti dispositiva fir-rigward mis-sentenza appellata m'hix ikkontestata mill-attur u għalhekk isegwi li l-interessi li l-attur għandu dritt għalihom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata;

Dana qed jingħad għaliex mhux ċar mis-sentenza appellata jekk meta l-Ewwel Onorabbli Qorti ma laqgħetx it-talba għall-ħlas ta' interessi legali ħlief mid-data tas-sentenza kinitx qed tirreferi biss għall-interessi mitluba mill-10 ta' Awissu, 1976 jew jekk kinitx qed tinkludi wkoll preċedenti li l-attur *marte proprio* qabad u akkredita favurih mis-somma mħallsa lilu. Id-dubbju joħroġ mill-fatt li l-attur kien fit-talba tiegħu ppretenda somma ta' Lm1089.69, oltre l-imgħax mill-10 ta' Awissu, 1976, u l-ewwel Qorti ma jidhirx li biddlet dik is-somma avolja l-attur kien wasal għaliha wara li akkredita mgħax li ma kellux dritt għalih;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi bis-sentenza indikata fiċ-ċitazzjoni l-attur ġie kanonizzat kreditur ta':

Sorte: Lm2000

Spejjeż: Lm171.36,8;

u ċjoè fis-somma totali ta' Lm2171.36,8;

Imgħax fuq din is-somma kif ingħad ma kienx dovut;

Minn din is-somma jirriżulta sodisfaċentement lil din il-Qorti li l-konvenut ħallas lill-attur is-somma ta' Lm1536.36,8, kif spjegat diġà u mhux Lm1365 kif pretiż mill-attur;

Dan iġib li mis-somma ta' Lm2171.36,8, dovuta lill-attur jonqos titħallas biss is-somma ta' Lm635.00,0, u mhux il-bilanċ ta' Lm1089.69, li ġie mitlub espressament mill-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tawtorizza lill-attur jesegwixxi s-sentenza hemm imsemmija limitatament għas-somma ta' sitt mija u ħamsa u tletin lira maltija (Lm635), kif ukoll kwantu għall-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati kwantu għal tliet kwinti mill-konvenut u kwantu għal żewġ kwinti mill-attur.